MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2008

Numru 1337/2007

PULIZIJA
SPETTUR MARIO TONNA
VS
JOSEPH VELLA
ETIENNE VELLA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Joseph Vella, ta' 57 sena, imwieled nhar it-13 ta' Jannar 1950, Pieta', iben Carmel Vella u Filomena nee' Scerri residenti gewwa Block J Flat 1 'Bini Tal-Gvern' Hamrun u detentur ta' karta ta' l-Identita' bin-numru 0078250(M).
Etienne Vella ta' 29 sena mwieled nhar is-16 ta' Gunju 1979 mwieled Pieta', iben Joseph Vella u Philippa nee' Pace, residenti gewwa Block J Flat 1 'Bini Tal-Gvern' Hamrun u detentur ta' karta ta' l-Identita' bin-numru 312379(M).

Illi huma akkuzati talli b'diversi atti mghamulin b'rizoluzzjoni wahda anke jekk f'hinijiet u postijiet differenti, gewwa l-Marsa u l-Hamrun nhar id-9 ta' Settembru 2007, bil-hsieb li jghamel delitt wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi hebbew u kkommettew attack jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb li ma titqies vjolenza pubblika u cioe fuq il-persuni ta' PS94 J.Farrugia u PC132 K.Sultana u diversi ufficjali tal-Pulizija ohra filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u dan ai terminu tal-artikoli 92 u 96 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar akkuzati wkoll fl-istess lok hin u cirkostanti ingurjaw jew heddu jew ghamlu offiza fuq il-persuni ta' PS94 J. Farrugia u PC132 K.Sultana u diversi ufficjali ohra tal-Pulizija persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li kienet qed taghmel jew minhabba li kienet qed taghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezzgha fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe u dan ai terminu ta' l-Artikoli 92,95 u 18 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess hinijiet, u taht l-istess cirkostanzi kkagunaw griehi hfief fuq il-persuni ta' PS 94 J. Farrugia u PC132 K. Sultana kif iccertifikaw minn Dr. A. Attard MD u Dr. D. Camilleri MD tal-Isptar San LUqa u dan ai terminu tal-Artikolu 221 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi heddew lill-istess Ufficjali pubblici bi kliem u dan ai terminu tal-Artikolu 338(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok data, hin u cirkostanzi qalu kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha u dan ai terminu ta' l-Artikolu 342 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubbliku b'ghajjat u glied u dan ai terminu tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Joseph Vella akkuzat wahdu talli rrenda ruhu ricediv wara li kien instab hati li kkometti diversi reati ohra, b'sentenzi definittivi li illum ma jistghu jinbidlu kemm mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u kemm mill-Qorti Kriminali tal-Appelli.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputati.

Semghet il-konferma ta' l-ammissjoni ta' l-imputati wara li dawn inghataw zmien ragonevoli ghal ripensament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti ssib lill-imputati, Joseph Vella u Etienne Vella, hatja skond l-akkuzi b'assorbiment ai fini ta' piena tar-raba' u l-hames akkuza u wara li rat Artikoli 95 u 96, 221, 338(e)(ee), 342, 338(dd), 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-imputat Joseph Vella bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin u tillibera lill-imputat Ettiene Vella bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax-il xahar.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputati ghamlu apologija pubblika lil membri tal-Pulizija, in vista ta' l-eta' ta' l-imputati u tal-fedina penali taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------